# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa

## Minuti

## L-Għaxar Leġislatura

## Laqgħa numru 06

**5.00p.m 30 ta'Settembru 2024**

**Preżenti**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Luke Farrugia | Sindku. |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Gloria Aquilina | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Scerri | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Cachia | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Meilak | Kunsillier |
| Is-Sur Domenic Spencer | Kunsillier |

**Assenti b'Apoloġija**

Ma kienx hemm

**Assenti**

Ħadt

**Uffiċċjal Preżenti**

Mariella Strout - Deputat Segretarju Eżekuttiv

Sindku Luke Farrugia, Viċi Sindku Josef Azzopardi, Kunsilliera Gloria Aquilina, Joseph Scerri ,Dominic Spencer, Joseph Cachia, Anthony Meilak

Deputat Segretarju Eżekuttiv: Mariella Strout

Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*

Is-sindku Luke Farrugia fetaħ il-laqgħa fil-ħamsa.

**06.1 Qari tal-ittri t'apoloġija;**
Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija

**06.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**
Il-kunsillier Gloria Aquilina talbet sabiex jitnizel il-kunjom Aquilina wara referenza f'punt 05.10.
Wara li saret l-emenda f'punt 05.10, il-minuti ġew approvati. Il-Kunsillier Gloria Aquilina is-sekondat il-minuti.

**06.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

**06.3.1 Ġurnata Tournament ta' Darts f'Top Gun Bar**

Is-sindku nforma li Kunsill kien rċieva korrispondenza mingħand Segretarju is-Sur Bonello it-Top Gun Bar irringrazzja lill-kunsill għal għajnuna li ser tingħata waqt it-tournament li ser isir nhar l-20 t'Ottubru 2024. Xtaq wkoll jiltaqaw mall-Kunsill sabiex jiġu diskussi it-tazzi, is-Shield u affarijiet oħra. Is-Sindku kompla billi qal li l-aħjar nerġaw ninfurmaw li Sur Bonello jagħmel rikjest formali u jikkonferma li huma għaqda jew kumitat mhux sempliċi bar.

**06.3.2 Skema Clean up Day**

Is-Sindku informa li ser issir Clean up Day Sibt 19 ta' Ottubru 2024 matul nofs ta'nhar ta' filgħodu. Huwa tenna li kien nforma diversi NGO's u għaqdiet sabiex ikunu pparteċi f'din l-inizjattiva. Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li Clean Malta ikkonferma li ser jagħtu sehem tagħhom bil-prezenza tal-karattru Xummiemu. Għal dan in-nofs ta' nhar ser ikun preżenti l-uffiċċjal maniġerjali responsabbli mill- ġbir ta' l-iskart. L-uffiċċju tal-Kunsill ser ikun miftuħ għal residenti sabiex tingħata informazzjoni ta' servizzi li joffri il-Kunsill.
Il-Kunsill qabel għal din l-attivita il-pubbliku jingħata tifkira bħal biros u basktijiet li baqa' meta il-Lokalita kienet Kapitali tal-Kultura 2022.
**06.3.2.1** Il-Kunsillier Domenic Spencer informa li Valletta Waterfront għamel Cleanup li kien jinkludi partijiet f'zona tal-Marsa. Huwa tenna li għanda tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lil Valletta Waterfront għal din l-inizjattiva.
Il-Kunsill qabel

**06.3.3 Skema Trasport Malta -European Mobility Week**

Is-Sindku spjega TM din is-sena ser tkun qed tħeġġeġ lill-iskejjel, għaqdiet u kunsilli lokali sabiex jippjanaw attivitajiet matul is-sena kollha u mhux biss matul il-ġimgħa Ewropea. L-iskop huwa li tinbidel il-mentalita'. TM qed toffri żewġ pakketti ta' għajnuna. Pakkett ta' Attivitajiet fejn jingħataw fondi sabiex jiġu organizzati attivitajiet. Pakkett ta' miżuri permanenti – introduzzjoni għal servizzi ġodda li jnaqqsu l-piż minn fuq it-toroq. Dawn is-sejħiet jagħlqu nhar il-15 t'Ottubru 2024.
Il-kunsill qabel li din l-iskema n'applikaw sabiex issir traffic management.

**06.3.4 Site inspection at Triq Chester kantuniera ma Triq Gadrajja**

Is-Sindku nforma li iltaqa mal-Perit tal-Kunsill fejn saret spezzjoni fil-post fejn jidher li t-triq qed izzomm ħafna ilma minħabba li hemm strutturi illegali. Barra min hekk Triq il-Gadrajja għadha ma ġietx kompluta minn naħa ta' Infrastructure Malta. Il-Perit issuġġerixxa li-Kunsill għandu jinforma lill-Planning b'dawn l-illegalitajiet u kif ukoll isir kuntatt ma Infrastructure Malta rigward Triq il-Gadrajja. Il-Kunsillier Domenic Spencer qal il-Perit għandu dover li jinforma huwa stess jekk Il-Viċi Sindku qal li-Gaddraja għada bil-ħamrija u għandha sir min Infrastructure Malta kif kien maqbul fil-leġislazzjoni preċedenti. Huwa kompla billi irrefera għal fejn qal li ġie nfurmat li Triq Troubridge qed t'għereq meta tagħmel ix-xita il-culverts iridu jerġgħu jitnaddfu għax kienu jimtlew bit-tarmak.

**06.3.5 Proposta sabiex issir pedestrian crossing f'Triq il-Marsa, Marsa**
Is-Sindku nforma il-Perit tal-Kunsill għamel spezzjoni fil-post u ippropona li ssir Zebra Crossing fi Triq il-Marsa (post indikat fuq ir-ritratt).
Il-kunsill qabel li jintbagħat ir-rapport lil Transport Malta għal approvazzjoni.

**06.3.6 Esibizzjoni Excelcior**
Il-Sindku qara rikjest mingħand Soċjeta' Mużikali Trinita' Bħala parti mill-attivitajiet organizzati sabiex tiġi ċċelebrata l-75 anniversarju mit-twaqqif tagħha is-Soċjeta' Mużikali Trinita' Qaddisa ser ittella' Esibizzjoni Excelcior bejn il-11 u s-17 ta' Novembru 2024. Għalhekk peress li din tirrikjedi ħafna spejjez qed jitolbu lill-Kunsill għajnuna ta' 300 ewro.
Ma kienx hemm qbil unanimu għalhekk Sindku talab mozzjoni u deċiżjoni għaddiet b'ħamsa favur u wieħed kontra.

**06.3.7 Soft area faċċata ta' Rob's Bar**
Is-sindku informa li kien qed jipproponi li issir bandli u jingħalaq b' safety fence sabiex jitnaqqsu l-abbużi. Il-Kunsill iddiskuta il-fatt li hemm bżonn tiġi indirizzata is-sitwazzjoni li hemm numru ta' persuni li qedin jorqdu barra f'postijiet pubbliċi u qablu li issir laqgħa mal-Ministru tal-ġustizzja sabiex il-lokalita tingħata iktar għajnuna mil-pulizija.

**06.3.8 Iffirmar tal-ftehim -Skema SPI/SCI/02/2024 - Finanzjament ta' Proġetti Kapitali - Komunitajiet aktar b'saħħithom u inklussivi**
Is-Sindku informa li ġie iffirmat il-ftehim sabiex il-Kunsill ikun jista' jimplementa il-proġett li kien applika għalih.

**06.3.9 il-Kuntrattur tal-Ġonna**
Il-Sindku spjega kif dawn l-aħħar ġimgħat tkellem mal-kuntrattur responsabbli mil-ġonna minħabba l-stat li kienu qed ikunu fih il-ġonna. Huwa tenna li mhux qed issir ix-xogħol kif suppost, li il-ġonna qedin jidhru żdingati għalhekk talab lil kuntrattur sabiex jibgħat ir-ritratti ta' xogħol li kien qed jagħmel. Madankollu ir-rispons tal-kuntrattur li ma jridx ikompli jagħmel ix-xogħol u kien ser jieqaf. Din il-kommunikazzjoni saret fuq wattsup fejn id-data li kienet turi 24 ta'Settembru 2024.
Il-Kunsill qabel ma jitħallasx ta' xogħol li kienx sar. Il-ftehim ma dan il-kuntrattur huwa ta' *direct order* għaliex il-kuntratt tiegħu kien għalaq għalhekk jista' jitwaqqf minnufih u tinħareġ sejħa b'kwotazzjoni sakemm jinħareġ tender ġdid.

**06.3.10 Xogħolijiet mil-Public works**
Is-Sindku qed jipproponi li issiru diversi bankini apparti min Triq San Mikiel u Triq Qormi Rd, li ser issiru mill public works. Triq Kapuċċini, Triq Sebħ u Sqaq l-Ajkla tintalab għal applikazzjoni sabiex issiru kollha Development planning funds.

**06.3.11 Esebizzjoni tal-Presepju Marsi fil-parlament Ewropew f 'Brussell**
Il-Kunsillier Domenic Spencer qal fl-okażjoni li ser issir esebizzjoni tal-Presepju Marsi fil-parlament Ewropew f 'Brussell ikun xieraq li l-kunsill ikun preżenti għal ftuħ. Il-Viċi Sindku sekonda li din hija okkażjoni unika għalhekk għandu ikun hemm il-preżenza ta 'Sindku, il-Kunsilliera u Deputat Segretarju Eżekuttiv.
Kien hemm qbil li jintalbu il-kwotazzjonijiet għat-titjira u akkomodazzjoni mis 6 sa 7 ta' Diċembru 2024

**06.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**06.4.1** Is-Sindku staqsa lil Kunsilliera kif qed jaraw is-sitwazzjoni ta' l-illegal dumping. Kunsilliera qalu l-sitwazzjoni ġiet għal aħjar. Il-Viċi Sindku staqsa x'kien qed issir sabiex jitnaqqas l-illegal dumping. Is-Sindku wieġeb li għal kemm is-sitwazzjoni għada mhix solvuta il-fatt li twaħħlu CCTV camers qed jitnaqqas l-abbuż.

**06.4.2** Il-Viċi Sindku staqsa dwar il-parking f'Triq San Franġisk ġodda fejn jidher li ma hemmx metru mill-kantuniera. Is-Sindku qal li huwa kien mar mal-kuntrattur fejn kejlu u ikonferma li kienu skont il-policy. Il-Viċi Sindku staqsa għalfejn tneħħa il-parking f'Triq Balbi u saru double yellow lines li saru mal-ġenb tal-

knisja. Is-Sindku tkellem ma l-pulizija u qalulu li il-coaches ta' dejjem jeħlu. Il-Viċi Sindku tenna li riedet issir applikazzjoni sabiex titneħħa. Is-Sindku qal li se jerġa issir parking.

**06.4.3** Il-kunsillier Domenic Spencer qal li kuntrattur kien qed jagħmel il-bundling f'diversi toroq u li hemm bżonn jinħaslu trakkijiet għax qed ikunu maħmuġin u qiegħed ukoll jingħasar l-skart organiku f'ċertu toroq. Ġie spjegat li bundling huwa permess issir għal madwar 15 minuta u ser issir rapport dwar l-ilmenti trakkijiet maħmuġin u l-għasir ta' skart organiku.

**06.4.4** Il-Kunsillier Domenic Spencer nforma l-iltaqa' ma diriġenti ta' l-ERA. Huma qed jitolbu sabiex il-Kunsilli jorganizza il-Christmas Village issir ġewwa Ġnien Spencer bħala parti mil-inawgurazzjoni tal-ġnien. Huma infurmaw li ma jistawx jiffinanzjaw din l-attività. Il-Kunsillier tenna li fil-fehma tiegħu il-Christmas Village għanda issir fil-qalba tal-lokalita, iżda jekk l-ERA tiffinanzja sa 2000 ewro jista' issir kunċert.
Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

**06.4.5** Il-Kunsillier Domenic Spencer li l-Kunsill kien irċeva fattura ta' relatata ma attivita tal-Karnival ta' 2022. Il-Viċi Sindku ikkonferma li din l-attività saret. Is-Sindku u Deputat Segretarju Eżekuttiv u qalu li kienu ser joqgħod fuq dak li kienu qed jikonfermaw peress ma kienux jagħmlu parti mill-Kunsill f'dak il-perjodu.
Il-kunsill qabel li titħallas.

**06.4.6** Il-viċi Sindku staqsa dwar il-ħaddiema ġodda li qed jaħdmu mal-Kunsill. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat li wieħed mill-impjegati qed jagħmel xogħol fuq barra u marbut ma skema tal-Community Workers u l-impjegat ieħor qiegħed jagħmel ta' Customer care u ntbagħat mid-dipartiment tal-Gvern Lokali. Hija tenniet li ma kienetx għamlet talba għal dawn iż-żewġ ħaddiema iżda saret taf bihom meta kienu diġà ingaġġati. Il-Viċi Sindku qal li importanti li l-Kunsill ikun nfurmat qabel.

**06.5 Rapporti**
**Ma kienx hemm rapport**

**06.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**
Is-Sindku ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 09/24 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa. Il-Kunsilliera talbu kjarifika dwar diversi pagament fejn ġie spjegat dak li kien mistoqsi. Il-Kunsill qabel li jitħallas il-pagament li kien miżmum waqt il-laqgħa numru 5 wara li kien sar titjieb f'servizz tal-knis.
06.6.1 Wara mozzjoni mressqa min proponent Kunsillier Domenic Spencer u sekondat Kunsillier Anthony Meilak il-kunsill approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti.

**06.7 Item: Sejjħa xiri ta' Dog Bins**
Il-Sindku informa li kellu diversi talbiet sabiex jiġu installati Dog Bins. Il-Kunsilliera tennew li importanti li jiġu verifikat li kuntrattur jieħu ħsieb li dawn jintbagħtlu.
Il-Kunsill qabel li toħroġ sejħa b'kwotazzjoni għal xiri ta' Dog Bins. It-toroq fejn ser jiġu installati dog bins ser ikunu immarkati fuq mappa li ser tintbagħat mis-Sindku iktar il-quddiem.

**06.8 Item: Parking bays in Triq Matthew Callus**
Is-Sindku qed jipproponi li issiru parking bays ġodda f'Triq Matthew Callus. Huwa tenna li kien iltaqa ma il-perit sabiex jara

**06.9 Item: MOU Clean Malta**
Is-Sindku informa li kellu laqgħa ma Segretarju Parlamentari Glen Bedingfield u Direttur Ġenerali fejn ġie diskuss il-possibbiltà li issir MoU ma Clean Malta. B'dan il-ftehim Clean Malta tkun ser tieħu responsabiltà tal-knis f'zoni residenzjali. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat li matul din il-ġimgħa kien ikkuntattja l-Assistant Direttur ta' Clean Malta fejn qal li l-Kunsill tal-Marsa ser ikun ma il-grupp tal-kunsilli li jmiss jekk dan l-MoU ikun aċċettat mill-Kunsill. Il-ħlas għal dan ix-xogħol ser ikun ikopri l-allokazzjoni li l-Kunsill jirċievi mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Hija tenniet li talbet lil Ass. Direttur sabiex jibgħat MoU draft ħalli tippreżentah lil Kunsill però ma kienx għadu ntbagħt.

Il-Kunsill id-iddiskuta din il-proposta u qabel li jitkellem ma Kunsilli oħra li diġa għandhom dan il-ftehim, kif ukoll jerġa jiltaqa ma diriġenti ta' Clean Malta. Id-deċiżjoni ser tittieħed waqt laqgħa li jmiss tal-Kunsill u tkun ibbażata fuq l-informazzjoni li tinġabar.

**06.10 Item: Fond allokat għal kura ta' l-animali (stray cats)**

Il-Kunsillier Gloria Aquilina informat li kellha diversi laqgħat ma Sur Ackerley Azzopardi Pace li huwa il-Community Steward responsabbli mill-kura tal-annimali ngaġġat ma Reġjun Nofsinhar. Hija qalet li kien qed jagħmel ħafna xogħol siwi fil-lokalita . Il-Kunsilliera Gloria Aquilina spjegat li ħaddiema ta'l-uffiċċju ħadmu sabiex tintella il-formola sabiex il-cat feeders reġistrati jibdew jingħataw il-vouchers li nħarġu mil-Animal Welfare. Wara kommunikat li ntbagħat mir-Reġjun Nofsinhar rigward il-possibbiltà li tingħata għajnuna mill-Kunsilli sabiex tkun koperta li-spiża relatat mal-kura tal-qtates, il-Kunsilliera proponiet li jiġi allokat fond għal dan il-għan u tiġi identifikata voluntiera sabiex tkun tista' taħdem u tgħin lil Sur Azzopardi Pace.

Il-Kunsill qabel li jalloka 500 ewro għal l-ispiża tal-kura u li tiġi identifikata voluntiera.

**06.11 Mozzjonijiet**

Ma kienx hemm mozzjonijiet

**06.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;**

Il-laqgħa ntemmet fis-8.30pm u ġiet aġġornata għat-tnejn 16 ta' Ottubru ta'2024 fl-5.00 pm fil-bini amministrattiv tal-Kunsill.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Luke Farrugia<br>Sindku | Mariella Strout<br>Deputat Segretarju Eżekuttiv |



Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*